MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1276/2010

**Care Services Limited (C-28125)**
**Vs**
**Victor Camilleri proprio**
**u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali**
**Comm Lifts Services Limited**

## It-Tribunal

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, disa' mija sitta u sebghin ewro (€1976) rapprezentanti hlas li s-socjeta' attrici kienet ghaddiet lill-konvenuti halli jistghu jikkonsenjaw u jinstallaw bieb ta' *lift* liema obbligu qatt ma gie onorat da parti tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluz dik ta' l-ittra gudizzjarja gja mressqa mis-socjeta' attrici u bl-imghax legali mid-data tal-effettiv

pagament kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx ir-risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-18 ta’ Ottubru, 2010 mill-Avukat Dr Matthew Bondin u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba bl-ispejjez u l-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------